

Il-Kunsill jadotta pożizzjoni ta' negozjar dwar liġi ġdida li tintroduċi applikazzjoni diġitali tal-ivvjaġġar tal-UE

Illum, ir-rappreżentanti tal-istati membri (Coreper) approvaw il-mandat ta' negozjar tal-Kunsill għal liġi tal-UE li ser tippermetti t-tnedija ta' applikazzjoni diġitali tal-ivvjaġġar tal-UE. Ir-regolament jistabbilixxi regoli dwar il-ħolqien (volontarju) ta' kredenzjali diġitali tal-ivvjaġġar u kif għandhom jintużaw meta jinqasmu l-fruntieri esterni.

L-applikazzjoni diġitali tal-ivvjaġġar tal-UE ser tagħmilha possibbli li d-data dwar l-ivvjaġġar tiġi pprovduta b'mod diġitali qabel ma tinqasam il-fruntiera. Dan iwitti t-triq għall-uffiċjali tal-fruntieri biex jivverifikaw mill-bogħod id-dokumenti tal-ivvjaġġar u jivverifikaw mal-bażijiet tad-data tal-fruntieri, tal-pulizija u tal-migrazzjoni qabel ma l-vjaġġaturi jaslu personalment f'punt ta' qsim tal-fruntiera. Dan ser iqassar il-ħinjiet ta' stennija u jtejjeb il-kontrolli tas-sigurtà.

It-tisfih tal-fruntieri esterni tal-UE huwa prijorità ewlenija għall-presidenza Daniża. Irridu nkunu nistgħu nikkontrollaw min jidhul, u rridu niċċidu d-dħul lil persuni li ma għandhomx id-dritt li jidħlu fl-UE. Għalhekk huwa importanti li nagħtu lill-gwardji tal-fruntiera l-aħjar għodod possibbli għall-ħidma tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu l-kriminalità, it-theddid għas-sigurtà u l-migrazzjoni illegali. Naturalment, l-app diġitali tal-ivvjaġġar tal-UE mhux ser issolvi kull problema, iżda hija għodda ġdida importanti li ser tipprovidi lill-gwardji tal-fruntiera b'mezzi aħjar biex jagħmlu xogħolhom.

Rasmus Stoklund, Ministru għall-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni tad-Danimarka

L-applikazzjoni ser tkun element importanti fil-ġestjoni tal-fruntieri *esterni*. Il-vjaġġaturi xorta ser ikollhom iġorru l-passaport jew il-karta tal-identità tagħhom meta jaqsmu frontiera esterna tal-UE.

Backend, komponent mobbli u router

L-applikazzjoni diġitali tal-ivvjaġġar tal-UE ser tkun magħmula minn komponent mobbli (applikazzjoni għall-apparati mobbli), servizz ta' validazzjoni backend u router tal-vjaġġatur. It-tliet elementi kollha issa ser jiġu żviluppati minn korp tal-UE (eu-LISA) skont ir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi inklużi fir-regolament.

Il-komponent mobbli ser jippermetti lill-vjaġġaturi, kemm liċ-ċittadini tal-UE kif ukoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, joħolqu kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali (essenzjalment kopja diġitali tad-data maħżuna fuq il-passaport jew il-karta tal-identità tagħhom). Madankollu, il-ħolqien u l-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ser jibqgħu fakultattivi.

Il-karatteristika backend tal-applikazzjoni diġitali tal-ivvjaġġar ser isservi biex tiġi vverifikata b'mod elettroniku ċ-ċippa tad-dokument tal-ivvjaġġar. Dan huwa meħtieġ biex jiġi kkonfermat li d-dokument tal-ivvjaġġar rikreat diġitalment inħareġ minn awtorità leġittima u li d-data estratta miċ-ċippa ma nbidlitx minn meta nħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar.

Bis-saħħa tar-router tal-vjaġġaturi, in-nies ser ikunu jistgħu jikkondividu l-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali tagħhom mal-awtoritajiet xierqa inkarigati mill-ġestjoni tal-fruntieri.

Użu fil-qsim tal-fruntieri

Kull min uża l-applikazzjoni diġitali tal-ivvjaġġar tal-UE biex joħloq kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ser ikun jista' jissottometti d-dokumenti tal-ivvjaġġar tiegħu lill-awtoritajiet tal-fruntieri qabel il-vjaġġ tiegħu. Dan ser itejjeb l-effiċjenza tal-verifiki fil-fruntieri peress li l-gwardji tal-fruntiera ser ikunu jistgħu jiffukaw il-ħin u r-riżorsi tagħhom fuq il-qsim li jkunu indikaw bħala suspettuż minn qabel.

Il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali ser jagħmlu wkoll iż-żona Schengen aktar sigura. Ser isir aktar faċli li jiġu vverifikati l-awtentiċità u l-korrettezza tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, u dan jagħmilha aktar diffiċli għall-frodaturi biex jużaw dokumenti foloz jew biex jgħaddu minn fruntieri mingħajr ma jiġu identifikati.

Il-konnessjoni tas-sistemi tal-IT tal-fruntieri u tal-ivvjaġġar tal-UE

L-UE stabbiliet għadd ta' sistemi tal-IT biex tiffaċilita l-ivvjaġġar u ssaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri. Il-Kunsill irid li l-applikazzjoni diġitali futura tal-ivvjaġġar tal-UE jkollha rwol ċentrali meta n-nies jagħmlu użu minn dawn is-sistemi.

Skont il-pożizzjoni tal-Kunsill, il-vjaġġaturi għandhom pereżempju jkunu jistgħu jużaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali tagħhom meta jissottomettu minn qabel id-data tad-Dħul/Ħruġ tagħhom. Is-sistema diġitali ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntiera bdiet topira f'Ottubru 2025 u tirreġistra b'mod diġitali d-dħul, il-ħruġ, u l-bijometrika tal-passaport u bijometrika ta' ċittadini mhux tal-UE li jivvjaġġaw lejn l-UE.

FI-2026, ser tiġi introdotta s-sistema ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ETIAS. Ladarba tkun disponibbli, il-vjaġġaturi mhux tal-UE għandhom ikunu jistgħu jużaw il-kredenzjali tal-ivvjaġġar maħluqa fl-applikazzjoni tal-ivvjaġġar diġitali għall-applikazzjoni tal-ETIAS tagħhom. L-istess jiġri meta wieħed japplika b'mod diġitali għal viża.

Il-passi li jmiss

B'dan il-qbil, il-presidenza tal-Kunsill hija lesta tibda n-negożjati mal-Parlament Ewropew, ladarba dan tal-aħħar ikun qabel dwar il-pożizzjoni tiegħu.

Informazzjoni ġenerali

Skont id-data tal-Kummissjoni, fl-2022 ġew irreġistrati 593 miljun qsim tal-fruntieri esterni tal-UE. Għadd daqshekk kbir ta' vjaġġaturi jista' jkun ta' sfida għal dawk responsabbli għat-tweqqif ta' verifiki fil-fruntieri. Jista' jkun ukoll stressanti għan-nies li jixtiequ jaqsmu l-fruntiera u jkollhom jiffaċċaw ħinijiet twal ta' stennija.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press